MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru 470/2014

**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**IVAN GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ivan Galea ta’ 38 sena, bin David u Maria Assunta nee’ Vella, mwieled Pieta’ fil-5 ta’ Ottubru 1974, residenti 103, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 500774M;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) Talli fil- lejl ta’ bejn is- 27 ta’ Lulju u t- 28 ta’ Lulju 2013, gewwa Valletta bejn 21.45 u 00.15 ikkommetta serq ta’ handbag, camera u oggetti ohra minn gewwa vettura numru LEX 185 ghad- dannu ta’ Alexia Mercieca u jew persuna ohra liema serq jeccedi €239.24 u ghalhekk ikkwalifikat bil- valur, bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal-haga misruqa;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura LEX 185 ghad- dannu ta’ Alexia Mercieca liema hsara teccedi €116.47;

3) Aktar talli fil- lejl tas- 27 ta’ Lulju 2013, gewwa Floriana bejn 20.00 u 23.00 ikkommetta serq ta’ stereo u oggetti ohra minn gewwa vettura numru CLA 162 ghad- dannu ta’ Claire Grima u/jew persuni ohra liema serq jeccedi €239.24 u ghalhekk ikkwalifikat bil- mezz, bil-valur, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa;

4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura CLA 162 ghad- dannu ta’ Claire Grima liema hsara teccedi €116.47;

5) Aktar talli gewwa dawn il- gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jwe barra minn Malta jew xjentement, b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal- Art 49,50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li huwa nstab hati b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu midbula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tghaddi minnufih sabiex tikkonsidra l-piena u taghti s-sentenza. Dan ir-reat jittratta serq minn zewg vetturi fl-istess data w hin, liema reat hu akkompanjat minn dak ta' hsara volontarja, li hu mezz ghall-fini tar-reat ta' serq. Fl-istadju tat-tehid tal-istqarrija tieghu, l-imputat ma kien ftakar xejn. Meta tressaq il-Qorti, ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Peress illi l-imputat huwa recidiv, u l-fedina penali tieghu titkellem wehidha, il-Qorti ma tara ebda piena ohra hlief dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18) -il xahar prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------